**Segretarjat għall-Edukazzjoni Nisranija**
**16, Triq Il-Mall, Floriana FRN1472**

## ***Policy*** **dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data* għad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja**

**KUNSENS FIT-TERMINI TAD-DIGRIET DWAR IL-PROTEZZJONI TAD-DATA, 2018**
**(*General Decree on the Protection of Data,* 2018*[1])**

Jiena nagħti l-kunsens tiegħi lis-Segretarjat għall-Edukazzjoni Nisranija biex jipproċessa u jivverifika l-informazzjoni li nipprovdilu biex jevalwa t-talba f'isem it-tifel/ tifla tiegħi biex ikun ikkunsidrat bħala applikant skont ir-Regolamenti tad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja.

Nifhem li s-Segretarjat iżomm kunfidenzjali din l-informazzjoni personali u sensittiva u ma jgħaddiha lil ħadd aktar sakemm mhux awtorizzat li jagħmel dan skont it-termini ta' din id-Dikjarazzjoni.

Nifhem li jista' ikun hemm il-bżonn li s-Segretarjat jitlob riżultati jew rapporti lil u/ jew jikkonsulta ma' professjonisti oħra, bħal Kap tal-Iskola, psikoloġi/ psikjatri, għalliema, eċċ, u/ jew organi kompetenti oħra bħal Servizz Psikoloġiku tad-Direttorat tal-Edukazzjoni, CDAU, *Statementing Moderating Panel*, eċċ.

Nifhem ukoll li nista' nitlob li niġi mgħarfa jekk l-uffiċċju dħul skejjel tal-knisja jkollu bżonn li jikkuntatja l-iskola tat-tfal tiegħi.

Nifhem li għandi d-dritt inżomm xi informazzjoni jew li nista' nirtira t-talba tiegħi - f'liema każ is-Segretarjat għandu d-dritt ma jkomplix jipproċessa l-applikazzjoni tiegħi.

L-informazzjoni tibqa' tinżamm mis-Segretarjat sakemm it-tifel/ tifla jispiċċa l-iskola sekondarja - sakemm ma nagħmilx talba lis-Segretarjat jiena stess, bil-miktub u ffirmata minni stess, biex din l-informazzjoni tkun distrutta jew mgħoddija lura lili.

F'kaz lit-tifel/ tifla jinkiteb/ tinkiteb f'xi skola, l-informazzjoni tgħaddi ukoll għand l-iskola u skont il-bżonn lill-awtoritajiet edukattivi.

Jiena konxju/a li għall-finijiet tad-Digriet Dwar il-Protezzjoni tad-Data (2018), l-kontrollur ta' tagħrif personali huwa s-Segretarjat għall-Edukazzjoni Nisranija. Jiena nifhem li nista' nikkuntattja lis-Segretarjat f'dan l-indirizz, Segretarju, Bord tad-Dħul fl-iskejjel tal-Knisja, Segretarjat għall-Edukazzjoni Nisranija, 16, Triq Il-Mall, Floriana FRN1472, jekk neħtieg aktar informazzjoni f'dan ir-rigward. Jiena nifhem li għandi dritt li naċċessa l-informazzjoni personali li s-Segretarjat jipproċessa dwari jew dwar it-tifel/ tifla tiegħi, li nirretifika din l-informazzjoni u, fejn ikun applikabbli, id-dritt li nħassar din l-informazzjoni personali. Jekk nixtieq neżerċita wieħed minn dawn id-drittijiet, għandi nagħmel talba bil-miktub u ffirmata minni stess lis-Segretarju.

Il-konferma dwar din id-Dikjarazzjoni minn ġenitur wieħed jew minn rappreżentant tal-ġenituri tindika li hemm qbil bejn il-ġenituri. Fin-nuqqas ta' dan il-qbil l-applikazzjoni titqies bħala invalida.

---

[1] Id-Digriet Dwar il-Protezzjoni tad-Data (*General Decree on the Protection of Data*), li jista' jiġi aċċessat minn: http://thechurchinmalta.org/files/page/GDPD.15348463124.pdf , inħareġ fl-2018 f'konformità mal-*General Data Protection Regulation* (*GDPR*) tal-2016, u li daħlet fis-seħħ fl-2018.